MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2015

Appell Civili Numru. 4/2013

**Seduta tad-29 ta' Lulju 2015**

**Appell Numru: 4/2013**

**EMANUEL POLIDANO (ID41169M)**

**Vs**

**IVORY & CO. LTD (C28560) U SWAN LAUNDRY & DRY CLEANING CO.LTD (C2708)**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza moghtija mit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur deciza fil-15 ta' Mejju 2013 fejn giet ipprounzjata is-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

*It-Tribunal,*

*Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-27 ta' Awissu, 2012 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' sebgha mitt Ewro (€700.00), rapprezentanti l-prezz li huwa hallas ghal libsa tal-Pracett minghand is-socjeta` ntimata 'Ivory & Co. Ltd', liema libsa giet iddanneggjata meta ttiehdet ghas-servizz tad-'dry cleaning' ghand is-socjeta' ntimata 'Swan Laundry & Dry Cleaning Co. Ltd'.*

*Is-socjetajiet ntimati pprezentaw risposti bil-miktub ghal din it-talba, u attendew ghas-seduta.*

*Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjetajiet ntimati, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi tal-kaz;*

***Ikkonsidra s-segwenti:***

***Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-***

*Kienu xtraw libsa tal-Pracett ghat-tifla taghhom, minghand is-socjeta' ntimata 'Ivory & Co. Ltd'. Investew fiha b'tir illi l-istess libsa tilbisha ohtha z-zghira meta jasal il-Pracett taghha.*

*Wara li t-tifla libset din il-libsa, ir-rikorrent kien hadha ghad-'dry cleaning' ghand is-socjeta' ntimata 'Swan Laundry & Dry Cleaning Co. Ltd', u meta gabarha, hallas l-ammont mitlub. Meta fethuha d-dar, sabuha f'kondizzjoni xejn tajba. Il-kulur u l-hjata ma kienux tale quale u sahansitra nnotawx li l-libsa kienet inxtorbot.*

*Ghalhekk, ir-rikorrent kien mar jilmenta mas-socjeta' ntimata Swan Laundry & Dry Cleaning, fejn gie nformat illi l-libsa kienet inhaslet b'mod professjonali skond it-tikketta li kien hemm mal-libsa stess. Ghalhekk, din is-socjeta` ntimata ghamlet rapport li l-kumpanija m'hijiex responsabbli ghad-difetti li issa hemm fil-libsa.*

*Ir-rikorrent tkellem maz-zewg socjetajiet intimati, u t-tnejn li hum ma hadux responsabbilita' ta' dak li gara.*

*Ir-rikorrent esebixxa dokumentazzjoni relattiv.*

***Is-socjeta` ntimata 'Ivory & Co. Ltd' ssomettiet bil-miktub illi:***

*It-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Illi s-socjeta' ntimata bieghat aktar minn libsa wahda mill-istess ditta tal-libsa ghal iktar minn hames snin, u qatt ma kellha lmenti mill-klijenti taghha.*

*Illi s-socjeta` ntimata m'hijiex responsabbli ghall-konsegwenzi li jistghu jinqalghu fil-libsa meta din ittiehdet ghand laundry cleaning services.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.*

***Is-socjeta` ntimata 'Swan Laundry & Dry Cleaning Co. Ltd' ssomettiet bil-miktub illi:***

*Hija minn naha taghha tista' tikkonferma li l-hasil sar kif mitlub.*

*Tant hu hekk, li hija wkoll kitbet dikjarazzjoni ta' x'gara waqt il-process tat-tindif u sahansitra, ikkuntatjat lis-socjeta' ntimata 'Ivory & Col. Ltd' sabiex jaghrfu jirrimedjaw ghad-difetti li hargu fil-libsa.*

***It-Tribunal jinnota illi:-***

*Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni taghhom bil-miktub.*

*Ir-rikorrenti esebixxa dokumenti, li gew immarkati bhala Dok. EP1 sa Dok.EP4.*

*It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjetajiet intimati ntimat fix-xhieda guramentata taghhom regghu ikkonfermaw l-verzjoni taghhom bil-miktub.*

*Is-socjeta' intimata 'Swan Laundry & Dry Cleaning Co. Ltd' ezebiet dokument li gie mmarkat bhala Dok.AT1.*

***Ghal dawn il-motivi:***

*It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, josserva illi s-socjeta' ntimata 'Ivory & Co. Ltd' ma naqset bl-ebda mod fis-servizzi taghha.*

*L-istess, pero' ma jistax jinghad ghas-socjeta' ntimata 'Swan Laundry & Dry Cleaning Co. Ltd.', u dana mill-punto di vista illi kienet hi illi ezercitat is-servizzi tad-dry cleaning fuq il-libsa in kwistjoni. Hekk kif irrizulta mill-provi, il-libsa u bolero jinbieghu flimkien mas-sett, tant illi t-tiketta bl-istruzzjonijiet tal-hasil tinsab biss fuq il-libsa, u dana propju minhabba l-fatt illi ghandhom jinhaslu bl-istess mod u skond l-istess istruzzjonijiet tal-hasil. Il-fatt illi l-bolero nxtorob, filwaqt li l-libsa kemm iccarat, turi illi ma gewx segwiti l-istruzzjonijiet tal-hasil bl-istess mod ghat-tnejn, hekk skond it-tikketta li kienet tkoprihom bl-istess istruzzjonijiet. Ma ngabet l-ebda prova ta' ness bejn id-dannu li sofriet il-libsa in toto u xi nuqqas da parte tas-socjeta' ntimata 'Swan Laundry & Dry Cleaning Co. Ltd'. It-Tribunal huwa konvint illi ma kien hemm ebda lok ghal ilment ta' dan it-tip fil-konfront tas-socjeta ntimata 'Ivory & Co. Ltd' u ghalhekk qed jichad it-talba tar-rikorrent fil-konfront tas-socjeta' ntimata 'Swan Laundry & Dry Cleaning Col. Ltd', in parte, u jordna lil din is-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' sitt mitt Ewro (€600.00) lir-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontro s-socjeta' ntimata ' Swan Laundry & Dry Cleaning Co. Ltd.'*

Illi minn din is-sentenza appellat is-socjeta Swan Laundry and Dry Cleaning Company Limited bl-aggravji illi t-Tribunal ma osservax id-dettami tal-principji tal-gustizzja naturali u dan ghaliex il-gudikant kien pregudikat fil-konfront taghha u ghalhekk ma kienx imparzjali. Ukoll issostni illi id-decizjoni impunjata hija nieqsa minn motivazzjoni cara u studjata minn fejn ghandu johrog illi t-Tribunal itrattat il-kaz b'mod legger.

Illi l-appellat Emanuel Polidano preliminarjament jissolleva il-pregudizzjali dwar in-nullita ta'l-appell interpost mis-socjeta appellanti billi l-istess gie ipprezentat oltre it-terminu statutorju stabbilit fil-ligi ghall-prezentata ta' appell minn decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur. Illi din il-Qorti tqies illi fl-ewwel lok ghandu jigi sorvolat dan l-iskoll procedurali, qabel ma tghaddi ghat-trattazzjoni ta'l-aggravvji fil-mertu.

Illi l-Artikolu 22(1) tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula illi:

*Appell magħmul taħt is-subartikoli (2) u (3) isir minn deċiżjoni ta' Tribunal permezz ta' rikors li jiġi preżentat fi żmien **għoxrin jum** mid-data tad-deċiżjoni.*

Fuq din il-pregudizzjali li l-appell hu irritwali in kwantu *fuori termine* jibda biex jigi registrat illi huwa fil-generalita` tar-riti processwali taht id-diversi ligijiet u ghal liema hu konsentit appell, illi t-termini fihom preskritti ghall-appell jinkwadraw ruhhom fl-istitut tad-dekadenza. Dan huwa hekk ghas-semplici fatt materjali u oggettiv tad-dekorrenza taz-zmien[1].

*"Huma termini perentorji u dwarhom, di regola, ma hemmx possibilita` la ta' proroga, u lanqas ta' sospensjoni jew interuzzjoni, jekk mhux fil-kazijiet eccezzjonalment mil-ligi prevvisti. Ad ezempju, fejn il-gurnata tal-iskadenza tat-terminu tahbat nhar ta' Sibt jew il-Hadd jew xi gurnata festiva. Din in-natura inderogabbli tat-termini processwali ggib b'konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvedimenti sanatorji jew ta' rimessjoni, ankorke d-dekors inutile taghhom ma jkunx imputabbli lil parti interessata. Dan ghal motiv illi dik l-improrogabilita hi hekk necessarju ghal raguni ta' certezza u, ukoll, ta' uniformita`".* **Appell Civili Numru. 505/2009/1 Daniela Zwack-Wandrey vs Messrs. In-Sight Ltd**

"*L-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghu jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula. Dawn it-termini jehtieg li jigu osservati u dan taht piena ta' irritwalita` u nullita` tal-proceduri li ghandha, fejn tokkorri u fejn hekk jirrizultaw*

[1] Caterina Tabone -vs- Nobbli Gio Carlo Mallia *et*", Appell Civili, 3 ta' Ottubru, 1927

*lilha, tigi wkoll sollevata mill-Qorti ex officio ... ... In-nullita` tattakka l-att innifsu. Dak l-att il fil-procedura hu null ghandu jitqies daqs li kieku qatt ma kien intavolat quddiem il-Qorti li allura jehtiegilha tiskartah indipendentement mill-mod kif l-irregolarita` tkun giet migjuba a konoxxenza taghha*" "**Giuseppi Caruana -vs- Charles Psaila", Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 21 ta' Marzu, 1997**". "**Salina Wharf Marketing Limited -vs- Malta Tourism Authority", Appell Inferjuri, 12 ta' Dicembru, 2007**

Huwa pacifiku illi l-ligijiet ta' procedura "*si debbono osservara alla lettera e non per equipollens"* (**Vol XVIII pI p879**). Dan ghaliex il-procedura hi konsiderata ligi ta' ordni pubbliku u in kwantu statwita mil-ligi "ma tistax tigi sostitwita bi procedura ohra, lanqas bil-kunsens tal-parti opposta. B'mod li l-eccezzjoni relattiva jekk ma tigix sollevata mill-parti l-ohra, jew tigi rinunzjata, ghandha tigi mill-Qorti sollevata 'ex officio'"(**Vol XXXVI pI p204**; **Vol XLIV pI p421**).

Dan igib bhala konsegwenza illi t-terminu procedurali ghal proponiment ta' l-appell kellu jigi osservat strettament u '*ad unguem*'. Din mhiex kwistjoni ta' formalizmu izda ta' mizura ta' dixxiplina processwali li mill-osservanza taghha tibbenefika l-andament kif imiss tas-sistema kollu. Ma jista' qatt ikun disputat illi t-termini ghal kompiment ta' atti processwali huma dawk stabbiliti mil-ligi[2].

F' dan il-kaz il-ligi trid li t-terminu specifikat ta' ghoxrin gurnata ghall-proponiment tal-appell jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza. Kjarament, mill-atti istruttorji tal-kaz prezenti jirrizulta l-fatt materjali tat-trapass taz-zmien

[2] Appell Civili Numru. 120/2000/1 Maurice u Rosaria sive Lucy mizzewgin Cefai vs Doris Fenech

statutorju utli billi mid-data tas-sentenza (15 ta' Mejju 2013) sal-prezentata tal-appell (5 ta' Gunju 2013) skadew l-ghoxrin jum prefissi mill-artikolu 22 tal-Kapitolu 378 ghall-proponiment tal-appell, anke jekk b'gurnata wahda biss. Il-konsegwenza hi li l-appell devolut hu irritwalment propost in kwantu *fuori termine*. Raggunta din il-konkluzjoni din il-Qorti ma ssibx raguni biex ma takkoljiex il-pregudizzjali sottomessa mill-appellat Emanuel Polidano. Mhux il-kaz allura li tinvesti l-mertu tal-ilment sottopost.

Ghal dawn il-motivi u bl-akkoljiment tal-pregudizzjali mqanqla mill-appellat Emanuel Polidano fir-risposta ta' l-appell tieghu, l-appell qed jigi rigettat bhala irritu u null in kwantu prezentat tardivament, bl-ispejjez jitbatew mis-socjeta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------